# Il-Pjan ta'
# L-INVAŻJONI TA' MALTA

**Pawlu Zammit, *T.Eng.(CEI), M.I.M.I., M.I., Mgt***



L-aktar attakki qliel u bla heda fuq Malta kienu matul is-sena 1942. Sa minn dak iż-żmien, id-dittatur Taljan Benito Mussolini ried jinvadi lil Malta, u kien kontinwament iħajjar lil Hitler għal dan il-għan. L-istess kien qed jaħseb il-Ġeneral Erwin Von Rommel, anzi dan ried li jkun hu li jieħu l-inkarigu għal din l-invażjoni b'qawwa ta' xi 26,000 truppi. Għal xi raġuni misterjuża, Adolf Hitler qatt ma qabel ma' pjan bħal dan, għalkemm ajruplani u sottomarini minn Malta kienu bħal xewka f'dahar Rommel, billi kienu kontinwament qed jagħmlu straġi bl-attakki tagħhom fuq vapuri mimlijin bi proviżjoni tant meħtieġ għal Rommel fid-deżert tal-Punent. Ittieħdu ħafna deċiżjonijiet kemm favur kif ukoll kontra dan il-pjan. Truppi Ġermaniżi fi Sqallija, ajruplani li jġorru l-paraxutisti, kif ukoll ajruplani tal-glied u tal-bumbardament kienu qed jinġabru fi kwantitajiet kbar bħala preparazzjoni għall-invażjoni.

L-*Intelligence Unit* tas-Servizzi f'Malta kienet konxja minn dawn il-preparamenti. F'Malta t-truppi kienu lesti sa snienhom għal dan l-attakk fuq massa kbira. Il-*Code Signal* ta' l-invażjoni kien ivarja minn Asia Minor sa Asia, skond il-kobor jew l-istat ta' l-alert. Biss Hitler qatt ma ta l-barka tiegħu. L-aktar postijiet ideali li ntgħażlu kienu **Wied Babu, Wied iż-Żurrieq**, in-naħat tat-Torn tal-Hamrija sa Għar Lapsi għalkemm dawn in-naħat kienu mgħassin tajjeb mis-suldati ta' l-infanterija tal-K.O.M.R. u l-postijiet aċċessibli kienu miżgħuda b'wajer imxewwek, saff fuq saff, mini, *fox-holes* mgħammrin tajjeb bis-suldati fihom u kmamar b'ħitan u soqfa ħoxnin tal-konkrit b'toqob fil-ġnub minn fejn setgħu jisparaw bil-*machine guns* jew *Lewis guns.* Fuq il-Magħlaq kien hemm kanun kbir għal kontra attakki mill-baħar immexxi minn suldati Ingliżi tar-Royal Artillery.

Dawn l-inħawi kienu miżgħuda bis-suldati, ibda mir-raħal tal-Qrendi, il-Qasam (wara Qrendi *Airstrip),* is-Sruġ, Misraħ is-Sinjura u l-Fortizza ta' Ħas-Sajjied, Bubaqra, Ħal Xluq kollha mgħammrin b'kanuni kbar għal kontra l-ajruplani. Ħaġa misterjuża hi li kemm Għawdex kif ukoll Kemmuna ma kellhom ebda difiża, għajr li xi kultant xi stakkament tal-K.O.M.R. min-naħat tal-Mellieħa kien iqatta' xi żmien qasir f'dawn il-gżejjer.

Meta fl-aħħar Hitler wera li beda jaqbel ma' l-invażjoni ta' Malta, il-*Code* Ġermaniż mogħti kien *Hercules,* waqt li l-kelma tal-qaddis min-naħa Taljana kienet *Operazione C No. 3 Malta.* Sadanittant il-Ġermaniżi kienu rebħu Tobruk fil-Libja u għal xi żmien kollox reġa' tpoġġa fuq l-ixkaffi. Għalkemm Rommel baqa' ħerqan għall-invażjoni, il-kmand għoli Ġermaniż baqa' jaħseb mod ieħor, billi Malta ma kellha xejn x'taqsam f'dik li hi tattika u difiża soda mal-gżira ta' Kreta.

L-aħħar aġġornament ta' l-attakk Ġermaniż-Taljan kellu jkun ta' 100,000 truppi, kontra t-30,000 truppi Maltin. Qabel ma kellha tibda l-invażjoni bil-baħar bejn Ħaġra s-Sewda u Wied iż-Żurrieq, żewġ diviżjonijiet ta' paraxutisti tas-seba' diviżjoni Ġermaniża u diviżjoni Taljana *Fulgore* kellhom jintefgħu fi tliet mewġiet f'linja bejn Ħad-Dingli u Wied iż-Żurrieq. Għawdex kien se jieħu sehmu billi 11,000 truppi kienu se jinvaduh minn tmien postijiet differenti max-xtut tal-baħar. Sa ajruplani miġjuba minn fuq il-front Russu kienu se jagħtu palata. Il-post magħruf bħala l-Wilġa, qrib fejn qabel kien hemm il-kmamar tan-nar ta' Santa Marija, kien post ideali għall-inżul ta' xi *gliders.*

Għalkemm din l-invażjoni qatt ma seħħet, hu mifhum minn kwartieri għoljin tas-servizzi, illi kieku din saret, ma tantx kienet ħaġa faċli li kienet se tirnexxi, billi fl-operazzjoni ta' Kreta li fuqha kienet se titmexxa, l-kundizzjonijiet kienu differenti u ċ-ċansijiet kienu juru li kienet se tkun diżastruża għall-għadu. Lejn l-aħħar ta' l-1942, wara s-suċċessi ta' *Operation Pedestal* u *convoys* oħra, kif ukoll minħabba li l-provvisti kienu żdiedu f'kemm dak li hu *fuel* għall-*ispitfires, bombers* u proviżjon għall-kanuni, il-ħsieb ta' din l-operazzjoni sfuma fix-xejn. L-invażjoni ta' Sqallija minn Malta neħħiet kull tama ċkejkna li seta' kien baqa'.



Dehra mill-ajru ta' Wied iż-Żurrieq

**Riferenzi:**

*The Battle of Malta* - Joseph Attard
*Salute to Maltese Infantrymen* - Col. C.L. Borg
*The People's War Malta 1940/43* - Lawrence Mizzi
Tifkiriet - Paul Zammit
*Malta Blitzed but not beaten* - Philip Vella
*Heritage*